Nru. 18,150
Prezz/Price
Lm1.44 (€3.35)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 16 ta' Novembru, 2007
Friday, 16th November, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 995

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozzi ta' Liġi li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 111 imsejjaħ "Att ta' l-2007 dwar l-Amministrazzjoni ta' l-Adozzjoni": u

Abbozz ta' Liġi Nru. 112 imsejjaħ "Att ta' l-2007 li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur".

Is-16 ta' Novembru, 2007

Nru. 996

ĦATRA TA' DIRETTURI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lill-uffiċjali pubbliċi msemmija hawn taħt fil-kariga ta' Direttur, kif jidher hawn taħt:

MINISTERU TAL-FINANZI
MINISTRY OF FINANCE

Taqsima tat-Taxxi Interni
Inland Revenue Division

Mr Francis Cachia	Direttur *(Capital Transfer Duty)* *Director (Capital Transfer Duty)*	10.10.2007

GOVERNMENT NOTICES

No. 995

PUBLICATION OF BILLS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bills are published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 111 entitled the "Adoption Administration Act, 2007"; and

Bill No. 112 entitled the "Consumer Affairs (Amendment) Act, 2007".

16th November, 2007

No. 996

APPOINTMENT OF DIRECTORS

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed the under-mentiond public officers to the position of Director, as shown hereunder:

Data Effettiva
Effective Date

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ
MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Dr Ray Xerri, MD, MSc (Lond), Dip. Hth. Mgt. (Milan)	Direttur (Inizjattivi Speċjali) *Director (Special Initiatives)*	18.09.2007

Taqsima għar-Regolazzjoni tas-Saħħa Pubblika
Public Health Regulation Division

Dr Charmaine Gauci, MD, MSc, Dip (Fit & Nut), Ph.D., FRSH	Direttur (Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard) *Director (Health Promotion and Disease Prevention)*	18.09.2007
Dr Richard Zammit, MD, MSc in Public Health, Cert. Dev. Paed. (London), DCH (Dublin), MBA (Warwick)	Direttur (*Standards* dwar is-Servizzi tas-Saħħa) *Director (Health Care Services Standards)*	18.09.2007
Mr John Attard Kingswell, M.Sc. Env. Hlth. (Edin.)	Direttur (Saħħa Ambjentali) *Director (Environmental Health)*	18.09.2007

Taqsima għas-Servizzi tas-Saħħa
Health Care Services Division

Dr Denis Vella Baldacchino, M.D., E.M.D.M., MSc (Public Health)	Direttur (Saħħa Primarja) *Director (Primary Health Care)*	18.09.2007
Dr Stephanie Xuereb, M.D., M.Sc., M.B.A. (Leic.), D.C.H. (Lond.)	Direttur (Kura ta' l-Anzjani) *Director (Elderly Care)*	18.09.2007

Taqsima għall-Istrateġija u s-Sostenibbilità
Strategy and Sustainability Division

Dr Neville Calleja, MD, MSc (Lond), MSc (Malta), DLSHTM, GradStat	Direttur (Informazzjoni u Riċerka dwar is-Saħħa) *Director (Health Information and Research)*	18.09.2007
Dr Miriam Dalmas, MD, MSc (Public Health), MBA	Direttur (Żvilupp ta' *Policy* u Affarijiet dwar l-Unjoni Ewropea) *Director (Policy Development and EU Affairs)*	18.09.2007

MINISTERU TA' L-AFFARIJIET BARRANIN
MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS

Taqsima għall-Affarijiet Politiċi
Political Division

Mr Patrick Cassar, B.A. (Hons.) Pub. Admin.	Direttur (Relazzjonijiet Esterni u Affarijiet Mediterranji) *Director (External Relations and Mediterranean Affairs)*	10.10.2007

Nru. 997

ATT TA' L-2007 DWAR IL-*FOSTER CARE* (KAP. 491)

Ħatra tal-Bord għall-*Fostering*

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-*Foster Care* (Kap.491), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali approvat il-ħatra tal-Bord għall-*Fostering*, għall-perijodu ta' sentejn b'seħħ mis-16 ta' Novembru 2007, kif ġej:-

Chairperson
Dott. Lisa Lombardi, B.A. LL.D. M.Jur. (European Law)

Viċi Chairperson
Ms Emma Portelli, Dip.Soc.Work, Dip. Gestalt Psych.

*Membr*i
Is-Sur Roderick Agius, B.A., PGCE, Dip.Sch.Couns.
Ms Anna Azzopardi
Is-Sur Jonathan Borg

Segretarju
Is-Sur Louis Xuereb, DPS,B.Sc.Econ.(Hons.)(Lond.), M.A (Publ.Pol)

16 ta' Novembru 2007

No. 997

FOSTER CARE ACT, 2007 (CAP. 491)

Appointment of Fostering Board

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 3 of the Foster Care Act (Cap. 491), and for the purpose of that Act, the Minister for the Family and Social Solidarity has approved the appointment of the Fostering Board, for a period of two years from the 16th November 2007, as follows:-

Chairperson
Dr Lisa Lombardi, B.A. LL.D. M.Jur. (European Law)

Deputy Chairperson
Ms. Emma Portelli, Dip.Soc.Work, Dip. Gestalt Psych.

Members
Mr Roderick Agius, B.A., PGCE, Dip.Sch.Couns.
Ms Anna Azzopardi
Mr Jonathan Borg

Secretary
Mr Louis Xuereb, DPS,B.Sc.Econ.(Hons.)(Lond.), M.A (Publ.Pol)

16th November 2007

Nru. 998

ATT TA' L-2007 DWAR IL-*FOSTER CARE* (KAP. 491)

Ħatra tal-Bord ta' Appell

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 14 ta' l-Att dwar il-*Foster Care* (Kap. 491), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali approvat il-ħatra tal-Bord ta' l-Appell, għall-perijodu ta' tliet snin b'seħħ mis-16 ta' Novembru 2007, kif ġej:-

Chairperson
Dott. Roberta Fenech Gauci, M.A(Fin.Serv.), LL.D.

Membri
Ms Clarissa Sammut Scerri, B.A., B.A (Hons.) Psych., M.A (Couns. Psych.)
Is-Sur Vince Tonna, M.Ger., Dip.App.Soc.Studies (Social Work)

16 ta' Novembru 2007

No. 998

FOSTER CARE ACT, 2007 (CAP. 491)

Appointment of Board of Appeal

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 14 of the Foster Care Act (Cap. 491), and for the purpose of that Act, the Minister for the Family and Social Solidarity has approved the appointment of the Board of Appeal, for a period of three years from the 16th November 2007, as follows:-

Chairperson
Dr Roberta Fenech Gauci, M.A(Fin.Serv.), LL.D.

Members
Ms Clarissa Sammut Scerri, B.A., B.A (Hons.) Psych., M.A (Couns. Psych.)
Mr Vince Tonna, M.Ger., Dip.App.Soc.Studies (Social Work)

16th November 2007

Nru. 999

ATT TA' L-2007 DWAR IL-*FOSTER CARE* (KAP. 491)

Awtorità Ċentrali Msemmija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 6 ta' l-Att ta' l-2007 dwar il-*Foster Care* (Kap. 491), hawn il-quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali semmiet lid-Dipartiment għal l-i*Standards* fil-Ħarsien Soċjali bħala l-Awtorità Ċentrali għall-finijiet ta' dan l-Att.

16 ta' Novembru 2007

No. 999

FOSTER CARE ACT, 2007 (CAP. 491)

Designated Central Authority

IN exercise of the powers conferred by section 6 of the Foster Care Act 2007 (Cap. 491), hereinafter referred to as "the Act", the Minister for the Family and Social Solidarity has designated the Department for Social Welfare Standards as the Central Authority for the purposes of this Act.

16th November 2007

Nru. 1000

ATT DWAR IS-SERVIZZI POSTALI (KAP. 254)

Bolli tal-Pustaġġ Maħruġa wara l-1997 Ma Jiswewx Iżjed bħala Ħlas bil-Quddiem ta' Pustaġġ

BIS-SAĦĦA tas-segħtat mogħtija lilu bl-artikolu 36 (2) ta' l-Att dwar is-Servizzi Postali, il-Ministru għall-Kompettitività u Komunikazzjoni jordna illi minħabba l-proċess għal bidla fl-Ewro, bolli ta' pustaġġ bid-denominazzjoni Lm biss maħruġa mill-1 ta' Jannar 1998 u wara mhumiex ser jiswew iżjed bħala ħlas bil-quddiem ta' pustaġġ mill-1 ta' Frar 2008 u wara. Kull oġġett postali li jkollu fuqu bolli tal-pustaġġ li jkunu hekk dikjarati mhux validi, jitqies li mhux imbullat kif imiss għall-fini ta' l-Att dwar is-Servizzi Postali.

Iżda kull persuna li jkollha fil-pussess tagħha xi bolli hemm invalidati, tista' f'kull żmien mill-1 ta' Frar 2008 sal-31 ta' Marzu 2008, tikkunsinnahom lill-Maltapost plc, li għanha tibdilhomlha ma bolli oħra validi ta' l-istess valur.

Dan l-avviż ma japplikax għal bolli ta' pustaġġ stampati jew mibjugħin bil-kundizzjoni li jkunu użati għal fini ta' filatelija.

Is-16 ta' Novembru, 2007

No. 1000

POSTAL SERVICES ACT (CAP. 254)

Post-1997 Postage Stamps No Longer Valid for Prepayment of Postage

IN exercise of the powers conferred by Article 36(2) of the Postal Services Act, the Minister for Competitiveness and Communications directs that in the light of the Euro changeover process, Lm only denominated postage stamps issued from 1st January 1998 onwards shall no longer be valid for prepayment of postage as from 1st February 2008. Any postal article stamped with postage stamps so invalidated shall be deemed not duly stamped for the purpose of the Postal Services Act.

Provided that any person having in his possession any postage stamps hereby invalidated, may from 1st February 2008 to 31st March 2008 surrender the same to Maltapost plc who shall exchange them for other valid postage stamps on an equal value.

This notice does not apply in respect of stamps printed or sold subject to the condition that they will be used only for purposes of philately.

16th November, 2007

Nru. 1001

SEGRETARJI TAL-KUNSILLI LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt ġiet nominata mill-ġdid Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill Lokali:–

Lokalità tal-Kunsill Lokali	*Segretarju*
Iklin	Alfred Naudi

It-12 ta' Novembru, 2007

No. 1001

LOCAL COUNCILS SECRETARIES

IT is hereby notified for general information that the following person has been re-appointed Executive Secretary of that Local Council:–

Local Council Locality	*Secretary*
Iklin	Alfred Naudi

12th November, 2007

Nru. 1002

BORD TA' SORVELJANZA GĦAS-SAĦĦA U GĦAS-SIGURTÀ

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Bord tas-Sorveljanza għas-Saħħa u għas-Sigurtà ġie sostitwit kif ġej għal perjodu ta' sena b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2008.

Chairperson
Is-Sur Ivan Scicluna, B.Elec.Eng.(Hons)

*Membr*i
Is-Sur Frederich J Wilson, GIFireE, MIIRSM, MIFPO
Is-Sur Kevin R Abela, B.E.&A(Hons), A&CE

Segretarju
Is-Sur Michel Galea

Is-16 ta' Novembru 2007

Nru. 1003

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Applikazzjonijiet li għandhom bżonn Stima ta' l-Impatt Ambjentali
Avviż skond Sezzjoni 7(4) tar-Regolamenti dwar l-Istima ta' l-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 ta' l-2007)

L-APPLIKAZZJONI msemmija hawn taħt teħtieġ stima ta' l-impatt ambjentali. L-applikazzjoni hi miġbura skond il-lokalità u tinkludi n-numru ta' l-applikazzjoni, it-titlu ta' l-iżvilupp u l-isem ta' l-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjoni hawn taħt imsemmija fl-uffiċċju ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana waqt il-ħinijiet tal-ftuħ.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar materji li jkun jixtieq li jiġu inklużi fl-Istima ta' l-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandu jkollhom id-dettalji ta' l-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu l-Awtorità sa tliet ġimgħat mid-data ta' dan l-avviż. Aktar informazzjoni tinsab fuq il-*website* ta' l- Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: www.mepa.org.mt/EIA-Malta.

Malta Freeport Terminals, Kalafrana, Birżebbuġa — PA 4963/07

Bini ta' tankijiet fil-Freeport Terminals b'volum ta' 48,000 metru kubu.

Is-Sur Uwe Malezki

Malta Freeport Terminals, Kalafrana, Birżebbuġa — *PA 4963/07*

To construct tank farm facilities within the Freeport Terminals. Total capacity 48,000 cu mts.

Mr Uwe Malezki

Is-16 ta' Novembru, 2007

No. 1002

HEALTH AND SAFETY MONITORING BOARD

IT is hereby notified for general information that the Health and Safety Monitoring Board has been constituted as follows for a period of one year with effect from 1st January, 2008.

Chairperson
Mr Ivan Scicluna, B.Elec.Eng.(Hons)

Members
Mr Frederich J Wilson, GIFireE, MIIRSM, MIFPO
Mr Kevin R Abela, B.E.&A(Hons), A&CE

Secretary
Mr Michel Galea

16th November 2007

No. 1003

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Applications that Require an Environmental Impact Assessment
Notice in accordance with Section 7(4) of the Environmental Impact Assessment (2007) Regulations (Legal Notice 114 of 2007)

THE following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment. The application is set out by locality and includes the MEPA number, title of the development and the name of the applicant. A copy of this application can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana during office hours.

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority within three weeks from this notice. More information can be obtained from the MEPA website: www.mepa.org.mt/EIA-Malta.

16th November, 2007

Nru. 1004

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Keith Francis German, LL.D., bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Vincent Miceli, LL.D., sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mit-3 ta' Novembru, 2007 sat-3 ta' Diċembru, 2007.

PAUL X. SAMMUT, B.PSYCH., PGDPS, HON. DIP. LITT.
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

It-13 ta' Novembru, 2007

No. 1004

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Keith Francis German, LL.D., to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Vincent Miceli, LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 3rd November, 2007 till the 3rd December, 2007.

PAUL X. SAMMUT, B.PSYCH., PGDPS, HON. DIP. LITT.
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

13th November, 2007

Nru. 1005

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
09. 11. 07	Lm7.86,4 (€18.318)	Lm0.15,4 (€0.359)
12. 11. 07	Lm7.93,2 (€18.477)	Lm0.15,6 (€0.363)
13. 11. 07	Lm7.70,0 (€17.936)	Lm0.15,0 (€0.349)
14. 11. 07	Lm7.59,4 (€17.689)	Lm0.14,8 (€0.345)
15. 11. 07	Lm7.73,1 (€18.008)	Lm0.15,2 (€0.354)

Is-16 ta' Novembru, 2007

No. 1005

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

16th November, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 112

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se tkun meqjusa bħala Żona ta' Rmonk fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Valletta

Nhar it-Tlieta, l-20 ta' Novembru 2007 bejn il-5.00 a.m. u s-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Ġirolmu Cassar, Pjazza Kastilja, San Pawl minn Kastilja sa Melita u l-parkeġġ ġewwa l-Bank Ċentrali.

Vetturi li jinsabu jiksru dan l-avviż, ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Novembru, 2007

POLICE NOTICE

No. 112

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zone as indicated on the date and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

Valletta

On Tuesday, 20th November 2007 between 5.00 a.m. and 7.00 p.m. through the following streets: Ġirolmu Cassar, Castille Place, San Pawl between Castille and Melita and the Central Bank car park.

Vehicles found in contravention of this notice, are liable to be towed.

16th November, 2007

UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA

Post ta' *Principal*
Information Technology

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Principal IT.*

Dawk kollha li jixtiequ japplikaw għal dan il-post irid ikollhom *Higher National Diploma (ICT Systems Support)* jew *diploma* oħra ekwivalenti fl-*IT*. Tingħata preferenza lil dawk l-applikanti li jkollhom sentejn esperjenza jew li huma gradwati f'qasam ieħor relatat ma' *IT.*

Is-salarju għal dan il-grad huwa ta' Lm7,288 (€16,976) b'żidiet ta' Lm167 (€389) fis-sena għal Lm7,789 (€18,143). Jista' jingħata wkoll *performance bonus* fl-aħħar tas-sena.

Il-*Principal* jaħdem taħt is-superviżjoni tal-*Manager* ta' l-*IT.* Min jokkupa din il-pożizzjoni jrid jieħu ħsieb tal-bżonnijiet kollha ta' l-NAO f'dak li għandu x'jaqsam ma' *IT.* Jara li qed jaħdmu sew is-sistemi, l-infrastruttura, *networks,* proċeduri u kontrolli kollha u jimplimenta sistemi ta' *IT* ġodda. Dan jinvolvi l-proviżjoni ta' servizzi ta' appoġġ lil taqsimiet oħra ta' l-NAO li jinkludu: *help desk, first line support, network and system administration,* iż-żamma tas-

NATIONAL AUDIT OFFICE

Post of Principal
Information Technology

The National Audit Office invites applications for the post of Principal in Information Technology.

Applicants wishing to apply for the post of Principal must be in possession of a Higher National Diploma (ICT Systems Support) or equivalent in IT. Preference will be given to applicants who have two years experience or who are in possession of a degree in an IT related subject.

The post carries an annual salary of Lm7,288 (€16,976) rising by annual increments of Lm167 (€389) to Lm7,789 (€18,143). A performance bonus may be awarded at the end of the year.

The Principal works under the supervision of the Manager IT. This position involves the administration of NAO's IT needs and ensures that the appropriate IT systems, infrastructure, networks, procedures and controls are in place, and that appropriate new IT is implemented. This entails the provision of support services to other Units of NAO including: help desk, first line support, network and system administration, internet and intranet site

siti ta' l-*internet* u l-*intranet,* ta' l-infrastuttura teknika, jara li jkun hemm kontintwità fil-proċess kollu relatat ma' *IT*, titjieb tas-*software* u l-*hardware*, iżomm kuntatt mas-*suppliers*, u jkun ta' assistenza teknika meta jiġu biex jinkisbu servizzi jew prodotti ġodda ta' *IT.*

maintenance, upgrades to software and hardware, liaison with suppliers, technical assistances with IT related procurement, maintenance of the technical infrastructure and IT related business continuity process.

Il-*Principal* jassisti fl-ippjanar u l-amministazzjoni ta' tattiċi, livelli u proċeduri. Ikun responsabbli wkoll miż-żamma u l-implimentazzjoni ta' servizzi u jiżgura li kull min qed jagħmel użu mill-*IT* ta' l-Uffiċċju jkun moqdi u mgħejjun bl-aħjar mod possibli. Ikun responabbli wkoll mill-kontroll, protezzjoni u s-sigurtà tas-sistemi ta' *IT*, l-infrastruttura u d-*data* kollha. L-involviment tal-*Principal* huwa wkoll meħtieġ fit-tħejjija tal-*Business Plan* ta' l-*IT* kif ukoll ta' pjanijiet oħra individwali. Konoxxenza teknika tajba ħafna hija meħtieġa minn din il-persuna li se tkun dieħla għal dawn id-dmirijiet fosthom dak ta' appoġġ kontinwu fejn tidħol *IT.*

The Principal assists in the design, implementation and maintenance of NAO's IT to support all users, and also assists in the drawing up and administration of policies, standards and procedures. This to ensure that the IT systems, infrastructure and data are controlled, protected, and kept secure. He/she will also be involved in the planning of the annual IT Business Plan as well as the planning the detail of individual IT projects. The Principal is required to exercise considerable technical knowledge in the execution of these duties.

L-applikanti għandhom ikunu kapaċi jikkomunikaw kemm verbalment u bil-miktub bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża.

Applicants must have the ability to communicate verbally and in writing in the Maltese and English languages.

L-impjieg li huwa bi prova għal sitt xhur, huwa fuq bażi *full-time* u huwa għal żmien definit ta' tliet snin li jista' jiġi mġedded suġġett għal servizz sodisfaċenti. Il-ħatra hija suġġetta għal regolamenti li minn żmien għall-ieħor jirregolaw impieg ma' l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

The employment, which is subject to a probationary period of six months, is on a full time basis and is for a definite three year period which may be renewed subject to satisfactory performance. The appointment is subject to the rules and regulations governing from time to time employment with the National Audit Office.

Il-kwalifiċi u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-appikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

Hija r-responsabbiltà ta' l-applikanti li jkollhom kwalifiċi maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieġi. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-MQRIC jew l-awtorità ta' *warrants,* trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on the comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview.

L-applikanti eliġibbli jiġu ntervistati minn Bord ta' l-Għażla.

Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board.

Isir eżami mediku biex jiġi żgurat li l-persuna magħżula tinsab f'saħħitha.

The selected applicants will undergo a medical examination to ascertain that he/she is medically fit.

Il-kandidati għandhom jibgħatu lill-*Manager, Finance and Administration,* Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika,

Candidates should submit to the Manager, Finance and Administration, National Audit Office, Notre Dame Ravelin,

Floriana CMR 02 ittra ta' applikazzjoni miktuba minnhom u kopja tal-*curriculum vitae*. Irid jintbagħat ukoll ċertifikat tal-kondotta maħruġ riċentiment mill-Pulizija.

Applikazzjonijiet għandhom jaslu l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika sa nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Novembru, 2007. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma' jiġux ikkunsidrati.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand il-*Manager, Finance and Administration,* Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, Notre Dame Ravelin, Floriana CMR 02.

Is-16 ta' Novembru, 2007

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' Skrivani *Part-Time* fi Skejjel Statali

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni tgħarraf li qed jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand persuni interessati li jiġu impjegati bħala skrivani fuq bażi *part-time* biex iwettqu dmirijiet f'din l-iskola:

Malta Drama Centre, c/o Junior Lyceum tal-Bniet Maria Regina, Blata l-Bajda.

2. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.99 (€4.64) għal kull siegħa maħduma. L-iskrivani *part-time* ikunu ntitolati għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' siegħat maħduma.

3. L-ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jiġi mitmum mill-Gvern jew mir-rappreżentant tiegħu jew inkella mill-istess skrivan *part-time,* f'kull żmien, billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ma tingħata raġuni. L-ingaġġ ikun sospiż xorta waħda għal matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-Sajf jew inkella matul parti minnhom.

4. Il-kandidati li jintgħażlu huma mistennija li jaħdmu bejn l-20 u l-25 siegħa fil-ġimgħa, normalment ħames sigħat kull ġurnata, fil-ħinijiet ta' l-iskola.

5. Permezz taċ-Ċirkulari MPO Nru. 107/2007 u l-Avviż Legali 46/2007, il-*Part-time Clerks* għandhom ikunu stmati skond l-Avviż Legali 427/2002. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet tas-Servizz li japplikaw għal uffiċjali pubbliċi *full-time* kif indikat fil-Public Service Managmenet Code japplikaw *pro-rata* għall-*Part-time Clerks*.

6. Il-kandidati għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

Floriana CMR 02 a letter of application in their own handwriting and a copy of their curriculum vitae. A Police Conduct Certificate recently issued is also to be submitted.

Applications are to reach the National Audit Office by Friday, 30th November, 2007. Late applications will not be considered.

Further information may be obtained from the Manager, Finance and Administration, National Audit Office, Notre Dame Ravelin, Floriana CMR 02.

16th November, 2007

EDUCATION DIVISION

Engagement of Part-Time Clerks in State Schools

The Director General Education Division invites applications for the engagement of clerks on a part-time basis to perform duties in the following School:

Malta Drama Centre, c/o Maria Regina Girls' Junior Lyceum, Blata l-Bajda.

2. Remuneration will be at the rate of Lm1.99 (€4.64) for every hour worked. Part-time clerks will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

3. The engagement will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or his lawful representative, or by the part-time clerk at any time, by giving a week's notice in writing without specifying any reason therefore. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the School Summer holidays.

4. Selected candidates will be expected to work between 20 and 25 hours a week, normally 5 hours a day, during school hours.

5. By virtue of MPO Circular 107/2007 and Legal Notice 46/2007, Part-time Clerks are entitled to be treated as per Legal Notice 427/2002. Moreover all the conditions of service applicable to whole time public officers in the Public Service Management Code also apply to them on a pro-rata basis.

6. Candidates must:-

(a) be citizens of Malta or a European Union Member State;

(b) must have the ability to communicate in the Maltese Language;

(ċ) (i) ikollhom ċertifikat tal-*GCE*/Matrikola/*SEC*/*Matsec* (1-5) li juru *"passes"* fil-Livell Ordinarju fil-Malti, Lingwa Ingliża u l-Matematika u f'żewġ suġġetti oħra jew kwalifiki komparabbli.

JEW

(ii) jipprovdu evidenza li turi li huma kellhom impieg regolari mal-Gvern ta' Malta fi grad ta' mhux inqas minn skrivan.

(d) (i) ikollhom *'passes'* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL;

JEW

(ii) ikollhom għarfien tajjeb tal-*computer office applications*. L-applikanti jiġu ttestjati permezz ta' *test* prattiku biex jiġi żgurat li jkunu jafu sew dan il-qasam.

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni).

(f) ikunu ta' eta ta' 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu dawk maħruġa minn Awtoritajiet Pubbliċi relevanti.

(g) (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), 2000, anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Kap ta' l-Iskola u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza jeħtieġ li jkunu kkonfermati minn ċertifikati u/jew dikjarazzjonijiet. (Fotokopji għandhom

(c) (i) be in possession of GCE/Matriculation/SEC/Matsec (1-5) certificates showing passes at ordinary level in Maltese, English Language and Mathematics and at least two other subjects or comparable qualifications;

OR

(ii) produce evidence that they had held a regular employment with the Malta Government not below the grade of clerk;

(d) (i) be in possession of passes in Modules 2,3,4 of the ECDL;

OR

(ii) have a good working knowledge in computer office applications. Applicants will have to sit for a practical test to establish their knowledge in this area.

(e) be of good moral character (a Police certificate of conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications should be provided);

(f) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from appropriate Public Authorities).

(g) (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, 2000, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

(ii) Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Head of School and copied to the NCPD.

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to

jiġu mehmuża ma' l-applikazzjoni). L-oriġinali ta' kull dokument għandu jiġi sottomess għall-verifikazzjoni fil-ħin ta' l-intervista.

8. L-applikanti li jiġu ttestjati u jinstabu li għandhom għarfien tajjeb tal-*computer* jew jiġu kkonfermati li jippossjedu l-*passes* f'*Modules* 2,3,4 tal-ECDL, indikati f'paragrafu 6 d(i) hawn fuq, ikunu intervistati minn Bord ta' Għażla biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post ta' skrivan *part-time*.

9. Ir-riżultat u l-ordni tal-mertu finali ma jibqgħux validi wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali.

10. Il-post vakanti u kull vakanza oħra li tinħoloq fl-istess skola timtelà skond l-ordni tal-mertu finali li tkun ġiet stabbilita wara l-intervista u t-*test* li għalihom saret referenza f'paragrafu numru 8 hawn fuq.

11. Il-kandidati magħżula jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma addatti għall-post.

12. (a) Applikazzjonijiet fuq il-formola preskritta, u li jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kap ta' l-Iskola li għaliha tkun se issir l-applikazzjoni, jintlaqgħu mill-istess Kap ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, it-30 ta' Novembru 2007.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta sad-data ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet, permezz tal-*fax* jew inkella permezz ta' messaġġ ieħor simili jiġu kkunsidrati sakemm dawn ikollhom id-dettalji kollha mitluba. L-applikazzjoni formali bil-firma ta' l-applikant trid tasal sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni dwar id-dewmien.

13. (a) L-applikazzjonijiet imwassla bl-idejn jingħataw irċevuta mill-Kap ta' l-Iskola dak il-ħin stess.

(b) Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati fi żmien tajjeb biex jaslu qabel id-data u l-ħin ta' l-għeluq. L-applikazzjonijiet jingħataw irċevuta bil-miktub mill-Kap ta' l-Iskola fi żmien sebat ijiem.

14. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-16 ta' Novembru, 2007

be included with applications; originals to be produced for verification at the interview stage).

8. Eligible applicants who are tested and found to possess good working knowledge in Computing or who are confirmed to be in possession of the required passes in modules 2,3 and 4 of the ECDL Certificate indicated in paragraph 6d(i) above, will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post of part-time clerk.

9. The validity of the final order of merit put up for each school will expire after two years from the publication of the final result.

10. The vacant post and any subsequent vacancy arising in each particular school will be filled in accordance with the final order of merit put up after the interview and the test referred to in 8 above.

11. Successful candidate/s selected to fill the vacant post/s will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. (a) Applications on the prescribed form which are available from the Office of the Head of School for which the application is intended, will be received by the same Head of School by not later than noon of Friday, 30th November 2007.

(b) Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the school by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay.

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Head of School and a receipt will be given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Head of School, within seven days.

14. Late applications will not be considered.

16th November, 2007

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanza ta' *IT Lecturing Staff*

Permess ta' l-ETC Nru. 118/2007

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġ jimla vakanzi ta' lecturing fit-Teknoloġija ta' l-Informatika.

Applikanti għandu jkollhom:

First Degree f'suġġett relatat mal-kompjuter

JEW

Kwalifiki vokazzjonali relevanti (livell 3 jew aktar) u ta' l-anqas ħames snin esperjenza relevanti industrijali/kummercjali.

U

għandhom ikunu kwalifikati u jkollhom esperjenza f'wieħed jew aktar mill-oqsma li ġejjin:
Computer Systems and Architecture
Software Development (VB.Net C#, Net, Java, ASP.Net)
Computer Networks (LANS, WANS)
Object Oriented Techniques

Dmirijiet jikkonsistu prinċipalment fi:
tagħlim fi klassi u laboratorju,
xogħol ta' *tutorial* u amministrazzjoni ta' *assignments* inklużi preparazzjoni, immarkar u assessjar.

Kandidati prospettivi huma mistiedna jibagħtu l-formola ta' l-applikazzjoni tal-MCAST, flimkien mal-*history sheet* ta' l-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar ta nhar l-Erbgħa, it-28 ta' Novembru, 2007.

Applikazzjonijiet u aktar tagħrif jistgħu jinkisbu *online* jew mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani u għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Amministrazzjoni, Bini ta' l-Amministrazzjoni, Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard u mhux mimlija kif suppost ma jiġux aċċettati.

Is-16 ta' Novembru, 2007

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancy of IT Lecturing Staff

ETC Permit No. 118/2007

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill lecturing vacancies in Information Technology.

Applicants should have a:

First degree in a computer related subject

OR

relevant vocational qualifications (level 3 or above) and at least five years relevant and appropriate industrial/commercial experience.

AND

should be qualified and experienced in one or more of the following areas:
Computer Systems and Architecture
Software Development (VB.Net C#, Net, Java, ASP.Net)
Computer Networks (LANS, WANS)
Object Oriented Techniques

Duties will consist mainly of:
classroom and laboratory teaching
tutorial work and administration of assignments including preparation, marking and assessment.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Wednesday, 28 November 2007, at noon.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office, are to be addressed to The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

16th November, 2007

MINISTERU TAL-FINANZI

Riżultati ta' l-Intervista għall-Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Research Officer* fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea, Ministeru tal-Finanzi

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi, jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-pożizzjoni msemmija hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali tal-Ministeru tal-Finanzi, 30, Triq Nofsinhar, Valletta u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Is-16 ta' Novembru, 2007

MINISTRY OF FINANCE

Results of Interview for the Engagement on Contract in the Position of Research Officer in the Permanent Representation of Malta to the European Union, Ministry of Finance

The Permanent Secretary in the Ministry of Finance notifies that the result of the interview for the above-mentioned position may be viewed on the main notice-board at the Ministry of Finance, 30, Triq Nofsinhar, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

16th November, 2007

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet għall-Ħrug ta' Liċenzi ta' *Engine Driver* fuq l-Art

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf li l-avviż ta' l-eżami msemmi hawn fuq intbagħat lill-kandidati kkonċernati.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx l-avviż ta' l-eżami huma mitluba biex jikkuntattjaw immedjatament lid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana fuq in-numru tat-telefon 25982216.

Is-16 ta' Novembru, 2007

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Examinations for the Issue of Engine Driver Licences (Land)

The Director of Examinations notifies that the notice of the above mentioned examination has been sent to candidates concerned.

Those applicants who have not received the notice of the examination are invited to contact immediately the Department of Examinations, Floriana on telephone number 25982216.

16th November, 2007

MALTA ENTERPRISE

Lista ta' kuntratti mogħtija mill-*Malta Enterprise* matul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar, 2007 u t-30 ta' Ġunju, 2007.

Offerta *Tender*	Kuntrattur *Contractor*
Monitoring services and the organisation of a Final Project Conference on the EQUAL Programme	PricewaterhouseCoopers
Tripoli International Fair (2-12 April 2007)	Adds Limited
Pharmaceutical Patents Register - Compilation of Data	Chetcuti Cauchi Advocates
Malta Enterprise Corporate DVD	Studio Seven Ltd

Is-16 ta' Novembru, 2007

MALTA ENTERPRISE

List of contracts awarded by the Malta Enterprise during the period between 1st January, 2007 and 30th June, 2007.

16th November, 2007

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-20 ta' Novembru, 2007, għal:

CT 328/2007. Provvista u tqegħid ta' materjal ta' pavimentar fi Triq is-Sajjieda, Marsaxlokk – Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-17 ta' Settembru 2007.

CT 329/2007. Provvista ta' *irinotecan hydrochloride vials* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-17 ta' Settembru 2007.

CT 330/2007. Provvista ta' *tobacco excise tax stamps* – Dipartiment tad-Dwana. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 (€232.94) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-18 ta' Settembru 2007.

CT 331/2007. Provvista ta' tiġieġ tat-tip *broiler* (Malta) – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-18 ta' Settembru 2007.

CT 332/2007. Provvista ta' ħobż (Malta) – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-18 ta' Settembru 2007.

CT 333/2007. Provvista ta' *column agglutination blood group serology system* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-19 ta' Settembru 2007.

CT 335/2007. Provvista ta' *nitrous oxide* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Settembru 2007.

CT 336/2007. Provvista ta' taħlita ta' gassijiet *oxygen* u *nitrous oxide* 50/50 – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Settembru 2007.

CT 337/2007. Provvista ta' *enzyme immuno assay/ chemiluminescent test kits* b'tagħmir b'self – Diviżjoni tas-Saħħa.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following Advt.isements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 20th November, 2007, for:

CT 328/2007. Supply, delivery and laying of paving materials at Triq is-Sajjieda, Marsaxlokk – Works Division. A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 17th September 2007.

CT 329/2007. Supply of irinotecan hydrochloride vials – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 17th September 2007.

CT 330/2007. Supply of tobacco excise tax stamps – Department of Customs. A fee of Lm100 (€232.94) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 18th September 2007.

CT 331/2007. Supply of broiler chickens (Malta) – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 18th September 2007.

CT 332/2007. Supply of bread (Malta) – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched of the 18th September 2007.

CT 333/2007. Supply of column agglutination blood group serology system – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 19th September 2007.

CT 335/2007. Supply of nitrous oxide – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th September 2007.

CT 336/2007. Supply of oxygen and nitrous oxide 50/50 gas mixture – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th September 2007.

CT 337/2007. Supply of enzyme immuno assay/ chemiluminescent test kits with equipment on loan – Health Division.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-25 ta' Settembru 2007.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-22 ta' Novembru, 2007, għal:

CT 338/2007. Bażi għal ftehim għall-provvista ta' *mild steel bars, angles, plates and hollow sections* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-25 ta' Settembru 2007.

CT 353/2007. Provvista ta' *enteral feeding sets with bags* għal użu ma' l-*enteral feeding pumps* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 354/2007. Provvista ta' injezzjonijiet *heparin sodium 25,000iu in 5ml vials* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 355/2007. Provvista ta' *injectable lenses* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 356/2007. Provvista ta' *protein powder* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 357/2007. Provvista ta' pilloli *calcium carbonate 500mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 358/2007. Provvista ta' *trisodium citrate catheter lock* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 359/2007. Provvista ta' *laryngeal masks,* Qies: 5 - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 360/2007. Provvista ta' kapsoli *fenofibrate high dose* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 361/2007. Provvista ta' pilloli *amlodipine* 10mg - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 279/2007. Bini ta' *bunkers* u provvista ta' *linear accelerators* għad-Dipartiment l-ġdid tar-*Radio Therapy* - Diviżjoni tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm200 (€465.87) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-2 ta' Awissu 2007.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-27 ta' Novembru, 2007, għal:

CT 346/2007. Provvista ta' *immunoassay kits* b'tagħmir b'self - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-27 ta' Settembru 2007.

CT 347/2007. Provvista ta' *sets for IVAC volumetric pumps* - Diviżjoni tas-Saħħa.

The EU Contract Notice was dispatched on 25th September 2007.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 22nd November, 2007, for:

CT 338/2007. Framework agreement for the supply of mild steel bars, angles, plates and hollow sections to the Procurement Section of the Contracts Department.

The EU Contract Notice was dispatched on 25th September 2007.

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-15 ta' Ottubru 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited – C8692 ta' Zachary House, Industrial Estate, Marsa, ippreżentaw Talba, fl-20 ta' Awissu 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Jonathan Zammit ta' My Nest, Triq ir-Rebbiegħa, Mosta, sabiex iħallas lis-soċjetà attrici s-somma ta' ħames mija u tmienja u disgħin lira Maltija Lm598 (€1,392.97) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (654/07MK) hija differita għas-26 ta' Novembru 2007 fis-1.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 12 ta' Novembru 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 15th October 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Alf Mizzi & Soins (Marketing) Limited – C 8692 of Zachary House, Industrial Estate, Marsa filed a Claim on the 20th August 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Jonathan Zammit of My Nest, Triq ir-Rebbiegħa, Mosta, to pay the plaintiff company the sum of five hundred and ninty eight Maltese liri Lm598 (€1,392.97) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 654/07MK) is put off on the 26th November 2007 at 1.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th November 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1631

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-18 ta' Ottubru 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fit-30 ta' April 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Reuben Caruana ta' Laila Court, Flat 6, Triq Gianni Bencini, Sliema, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħames mija u ħamsa u għoxrin lira Maltija u disgħa u sittin ċenteżmu Lm525.69 (€1,224.53) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (380/07RFA) hija differita għat-23 ta' Novembru 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 12 ta' Novembru 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 18th October 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 30th April 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Reuben Caruana of Laila Court, Flat 6, Triq Gianni Bencini, Sliema, to pay the plaintiff company the sum of five hundred and twenty five Maltese liri and sixty nine cents Lm525.69 (€1,224.53) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 380/07RFA) is put off on the 23rd November 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th November 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1632

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Novembru 2007, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 738/2004 RCP, fl-ismijiet Premier Investments Limited (C 12996) vs Reġistratur tal-Qorti u St. George's Park Company Limited (C-264) għal kull interess illi jista' jkollha, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell, Ċitazzjoni Numru 738/2004 RCP, fl-ismijiet Premier Investments Limited (C 12996) vs Reġistratur tal-Qorti u St. George's Park Company Limited (C-264) għal kull interess illi jista' jkollha, ir-rikorrenti Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali, bħala Reġistratur tal-Qorti espona bir-rispett;

1. Illi permezz ta' rikors ippreżentat mis-soċjetà Premier Investments Limited datat 4 ta' Ottubru 2004, is-soċjetà attriċi appellat niedet proċeduri ta' ritassa ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12 wara l-ħruġ ta' taxxa finali da parte tar-Reġistratur appellant in segwitu għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Marzu 2004, fl-atti tal-kawża 'Saint George's Park Limited vs Premier Investments Limited' (Ċitazz. Nru. 2736/99 GCD).

2. Illi, fil-proċerduri mnieda mis-soċjetà attriċi, hija tablet li t-taxxa kellha titqies bħala waħda irregolari u konsegwentement, inattendibbli, u dana għal żewġ raġunijiet:

a) illi, ġaladarba l-kawża għadha pendenti quddiem il-Qorti, taxxa finali tad-drittijiet ma setgħetx tiġi kkalkulata qabel ma l-kawża tiġi deċiża; u

b) illi l-metodu ta' intaxxar użat mir-Reġistratur kien wieħed erronju u irregolari.

3. Illi, permezz ta' sentenza mogħtija minn l-Ewwwel Onorabbli Qorti fl-1 ta' Novembru 2006, il-Qorti laqgħet it-talba tas-soċjetà attriċi limitatament għal dak li jirrigwarda intaxxar ħażin u dana billi ordnat it-tħassir u r-revoka tat-taxxa maħruġa mir-Reġistratur fir-rigward tad-drittijiet u spejjeż ġudizzjari relattivi għall-kawża fl-ismijiet 'Saint George's Park Company Limited vs Premier Investments Limited'

4. Illi l-fatti li taw lok għal dana il-każ huma s-segwenti:

A. Is-soċjetà konvenuta Saint George's Park Company Limited intavolat proċeduri kontra s-soċjetà attriċi Premier Investments Limited sabiex skrittura ta' lokazzjoni magħmulha għal 29 sena b'kera ta' Lm100 (€232.94) kull jum li tiżdied skond il-paga minima nazzjonali u datat 16 ta' Marzu 1992 tiġi rexissa; …omissis….

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 8th November 2007, in the records of the Writ of Summons Number 738/2004 RCP, in the names Premier Investments Limited (C 12996) vs Registrar of Courts and St. George's Park Company Limited (C -264) for any interest it may have, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application, filed in the Court of Appeal, Writ of Summons Number 738/2004 RCP, in the names Premier Investments Limited (C 12996) vs Registrar of Courts and St. George's Park Company Limited (C-264) for any interest it might have, the applicant Director Civil Courts and Tribunals, as Registrar of Courts, pleaded with respect;

1. That by means of an application filed by the company Premier Investments Limited dated 4th October 2004, the respondent plaintiff company filed procedures to impugn the taxed bill in terms of Article 64 of Chapter 12 after the issuing of a final taxed bill on the part of the Appellant Registrar following a judgement given on the 30th March 2004, in the records of the cause 'Saint George's Park Limited vs Premier Investments Limited' (Writ of Summons Number 2736/99 GCD).

2. That in the procedures brought forward, the plaintiff company demanded that the tax had to be considered as irregular and consequently could not be upheld and this for two reasons;

a) that once the cause is still pending before the Court, a final taxed bill could not be calculated before the cause is decided; and

b) the method of taxation used by the Registrar was erroneous and irregular.

3. That, by means of a judgement given by the Honourable First Court of the 1st November 2006, the Court upheld the demand of the plaintiff company limitedly as regards the wrong taxation and this by ordering the cancellation and revocation of the tax issued by the Registrar as regards the fees and judicial expenses relative to the cause in the names 'Saint George's Park Company Limited vs Premier Investments Limited'

4. That the facts which gave rise to this cause are the following:

A. The defendant company Saint George's Park Company Limited filed procedures against the plaintiff company Premier Investments Limited so that a lease agreement made for 29 years towards a rent of Lm100 (€232.94) per day be increased according to the national minimum wage and dated 16th March 1992 be rescinded, …omissis..

B. Illi t-talba għar-rexissjoni saret mis-soċjetà konvenuta fis-sena 1999, meta kien għad fadal 85 sena għat-terminazzjoni naturali ta' l-iskrittura ta' lokazzjoni datata 16 ta' Marzu 1992;

Ċ. Illi fit-30 ta' Marzu 2004, l-Ewwel Onorabbli Qorti għaddiet in nġudikat u ġie intavolat appell minn tali deċizjoni.

D. Illi, sussegwentement dina t-taxxa, li kienet anke meritu ta' rikors ieħor, dina d-darba, intavolat mis-soċjetà konvenuta fl-ismijiet 'St. George's Park Company Limited vs Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, ir-Reġistratur tal-Qorti u l-P.L. Edgar Montanaro 'Rikors Numru 20/2004 GCD ġiet ikkontestata mis-soċjetà attrici, ...omissis…

5. Illi r-Reġistratur iħossu aggravat mid-deċiżjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti u dana għar-raġunijiet segwenti:

i. Ma huwiex kkontestat mill-ebda mill-partijiet illi l-kawża li hemm bejniethom u li dwarha inħarġet taxxa kienet ta' terminazzjoni ta' kuntratt ta' kiri kif stabbilit fl-artikolu 755 tal-Kap. 12.

ii. Tali artikolu jipprovdi illi fl-eventwalità illi wieħed jrid jistabilixxi l-valur tal-kuntratt ta' kiri illi qiegħed jiġi tterminat, wieħed jista' jiddeterminah billi jgħodd il-kera għaż-żmien kollu li jkun fadal biex jispiċċa l-kuntratt.

iii. L-Ewwel Onorabbli Qorti, madankollu, għamlet ukoll referenza għall-artikolu 749 li jirrigwarda l-valutazzjoni ta' immobili meta l-valur ma jistax jkun determinat ….omissis..

iv. L-Ewwel Onorabbli Qorti, tenut kont taż-żewġ artikoli suriferiti jiġifieri artikolu 749 u 750 tal-Kap. 12. għaddiet għall-konklużjoni illi filwaqt li huwa minnu li l-valur tal-oġġett fil-kawża jitqies billi jingħadd il-kera għaż-żmien kollu li fadal biex jispiċċa l-kuntratt, kif stabbiliti fl-artikolu 755(b) tal-Kap. 12, dana għandu jiġi ttemperat b'analoġija ma' l-artikolu 749 u 750 tal-Kap. 12 …omissis…

v. Illi r-Reġistratur filwaqt illi jista' jifhem l-animu tal-Ewwel Onorabbli Qorti meta qieset bħala assurda li kirja tista' tiswa aktar minn ċens temporanju, jirrileva illi tali tħassib, li ċertament huwa dovut unikament għall-fatt ben risaput illi l-Liġijiet huma dejjem l-aħħar ħaġa li jaddattaw ruħhom għaż-żmienijiet ta' illum …omissis…

vi. Illi ċertament ma hijiex ħaġa kkontestata ili l-ħruġ ta' taxxa da parte tar-Reġistratur tal-Qorti hija ħaġa fiskali u mħux legali, b'mod illi għandhom japplikaw, sa fejn possibili, l-parametri adoperati mill-Qrati għal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni ta' deċiżjonijiet finali.

B. That the demand for the rescission was made by the defendant company in the year 1999, when 85 years were left for the termination of the lease agreement dated 16th March 1992;

C. That on the 30th March 2004, the Honourable Court of First Instance became res judicata and filed an appeal from such decision.

D. That, subsequently this tax, which also formed merit of another application, this time filed, by the defendant company in the names 'St. George's Park Company Limited vs Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, the Registrar of Courts and L.P. Edgar Montanaro, Application Number 20/204 GCD was contested by the plaintiff company…omissis.....

5. That the Registrar felt aggrieved by the decision by the Honourable Court of First Instance and this for the following reasons:

i. It is not contested by none of the parties that the cause that there is between them and regarding which a tax bill was issued was that of a termination of a lease agreement as established in article 755 of Chapter 12.

ii. The said article provides that in the eventuality that one has to establish the value of the contract of lease which is being terminated, one can determine it by adding the rent for the period left for the termination of the contract.

iii. The Honourable Court of First Instance, however, also referred to article 749 which regards the valuation of immovables when the value cannot be determined … omissis…

iv. The Hounourable Court of First Instance, keeping in view the articles above referred to article 749 and 750 of Cap. 12, passed on to the conclusion that whilst it is the case that the value of the object in the cause is calculated by adding the rent for all the time left for the termination of the contract, as established in articles 755(b) of Chapter 12, this is to be calculated by analogy with article 749 and 750 of Chapter 12 …omissis…

v. That the Registrar whilst understanding the reasoning of the Honourable First Court when considering absurd that a lease can cost more that a temporary emphyteusis points out that such reasoning , is due only to the well known fact that Laws are always the last thing which adjust to the present times …omissis…

vi. That certainly it is not contested that the issuing of a taxed bill on the part of the Registrar of Court,is a fiscal not a legal matter, as there is to be applied , as far as possible, the parameters adopted by the Courts as regards the interpretation of final decisions.

vii. F'dana is-sens l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-kawża 'St. George's Park Company Limited vs Dr. Hugh Peralta et' Rikors Nru 21/2004 deċiża mill-Onorervoli Imħallef Tonio Mallia fit-28 ta' April 2005 qalet hekk;

Il-Qorti m'għandhiex tikkunsidra jekk hemmx jew le xi anomalia fil-liġi, speċjalment meta dan jitqabbel mal-mod ta' kif tinħadem taxxa meta l-kawża tkun tittratta kuntratti ta' enfitewsi. Jista' jkun li meta l-leġislatur irregola kif tinħaddem taxxa f'każ ta' riżoluzzjoni ta' kuntratt ta' kera, ma kienx qed jaħseb li l-kirjiet speċjalment dawk kummerċjali, kienu se jkun ta' ammont għoli, però il-liġi hi ċara u meta jkun hekk, m'hemmx lok għal interpretazzjoni oħra għajr dik li tiġi segwita dik literali….omissis

viii. L-istess intqal fil-kawża AB vs Joseph Mifsud Bonnici bħala Kummissarju tat-Taxxi Interni fid-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Awissu 1967…..omissis…

ix. L-Appellant Reġistratur tal-Qorti umilment jissottometti illi l-Liġi li fuqha saret it-taxxa da parte tiegħu hija ċara u inekwivoka, fis-sens illi huwa ċarament indikat li l-valur għandhu jiġi kkalkulat fuq il-kera għaż-żmien kollu li jkun fadal biex jispiċċa l-kuntratt –Artikolu 755 (b) tal-Kap 12.

x. L-esponent umilment jissottometti illi analoġiji u interpretazzjonijiet ta' tali artikolu tal-Liġi ma jistgħux isiru …omissis…

Għaldaqstant, ir-Reġistratur, filwaqt illi jagħmel referenza għall-atti kollha ta' dina l-kawża u għall-provi kollha miġjuba u tirriserva illi tressaq dawk l-provi l-ohra permessi lilha skond il-Liġi, titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellat ta' l-1 ta' Novembru 2006, billi tirrevokaha in kwantu ordnat it-tħassir u r-revoka tat-taxxa maħruġa fl-4 ta' Ottubru 2004, fir-rigward tad-drittijiet u spejjeż gudizzjarji relattivi għall-kawża fl-ismijiet 'Saint George's Park Company Limitred vs Premier Investments Limited (Ċitazzjoni Nru. 2736/99) deċiża fit-30 ta' Marzu 2004 u tikkonferma l-validità tat-taxxa maħruġa mir-Reġistratur tal-Qorti fuq indikata, bl-ispejjeż taż-żewġt istanzi kontra s-soċjetà appellata

Notifika: Premier Investments Ltd
Bamboo Bar,
St. George's Rd,
Paceville, St. Julian's.

Reġistru tal-Qorti Superjuri (Appelli) illum 12 ta' Novembru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

vii. In this sense the Honourable Court of First Instance in the cause 'St. George's Park Company Limited vs Dr. Hugh Peralta et, Application Number 21/2004, decided by the Honourable Mr. Justice Tonio Mallia on the 28th April 2005, stated thus;

The Court should not consider whether there is or not an anomaly in the law, especially when this is compared with the manner in which a tax is worked out when a cause relates to contracts of emphyteusis. It can be that the Legislator regulated himself as regards the working of a taxed bill, in the case of the resolution of a contract of lease, was thinking that leases especially commercial ones, were to be of high value, but the law is clear and when this is the case, there is no room for any other interpretation but to follow the literal one….omissis….

viii. The same was stated in the cause AB vs Joseph Mifsud Bonnici as Comissioner of Inland Revenue in the Decision of the Court of Appeal of the 20th August 1967 ….omissis…

ix. The Appellant Registrar of Court humbly submits that that the Law on which the taxed bill was made on his part is clear and unequivocal, in the sense that it is clearly indicated that the value is to be calculated on the rent for all the period left for the termination of the contract-Article 755 (b) of Chapter 12.

x. The applicant humbly submits that analogies and interpretations of the said article of Law cannot be made ...omissis…

Thus the Registrar, whilst referring to all the records of this cause and all the proof gathered and reservesto bring forward all the proof permitted by Law, prays with respect that this Honourable Court reforms the judgement appealed of the 1st November 2006, by revoking it in so far as it ordered the cancelling and revocation of the tax issued on the 4th October 2004, as regards the fees and relative judicial expenses of the cause in the names 'Saint George's Park Company Limited vs Premier Investments Limited (Writ of Summons Number 2736/99) decided on the 30th March 2004 and confirm the validity of the taxed bill issued by the Registrar of Courts above indicated, with costs of both instances against the respondent company.

Notify: Premier Investments Ltd
Bamboo Bar,
St. George's Rd,
Paceville, St. Julian's.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 12th November 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1633

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrenta Simone Cauchi (K.I. Nru. 598072M) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 442/07 NC) fejn talbet il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID numru 530/1972 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 12 ta' Novembru, 2007.

CORA AZZOPARDI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Simone Cauchi (ID 598072M) filed an application under oath (No. 442/07 NC) demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH number 530/1972 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 12th of November, 2007.

CORA AZZOPARDI
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1634

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-24 ta' Ottubru 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fit-28 ta' Frar 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Martin Gerry ta'San Paolo Flats, Triq it-Tunnaġġ, Mellieħa, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u sittax-il lira Maltija u tmienja u għoxrin ċenteżmu Lm116.28 (€270.86) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (199/07GM) hija differita għas-26 ta' Novembru 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 13 ta' Novembru 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 24th October 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 28th February 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Martin Gerry of San Paolo Flats, Triq it-Tunnaġġ, Mellieħa, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and sixteen Maltese liri and twenty eight cents Lm116.28 (€270.86) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 199/07GM) is put off on the 26th November 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 13th November 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1635

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-10 ta' Awissu 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) ta' 116, Archbishop Street, Valletta VLT 05, ippreżentaw Talba fl-4 ta' Mejju 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Christopher Micallef (ID 388272M) ta' Highrise Apartments, Flat 4, Triq l-Imgiebaħ, St Paul's Bay u lil Charmaine Micallef Mattocks (ID 352274M) ta' Highrise Apartments, Flat 4, Triq l-Imgiebaħ, St Paul's Bay, sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tliet mija u ħamsa u tmenin lira Maltija u tlieta u disgħin ċenteżmu Lm385.93 (€898.98) oltre l-imgħax ta' tnejn u erbgħin lira Maltija u tmenin ċenteżmu Lm42.80 (€99.70) u dak ulterjuri sal-ħlas effettiv liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi skond kif indikat fit-Talba.

Bl-ispejjeż.

Il-kawża (419/07ISB) hija differita għas-26 ta' Novembru 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 13 ta' Novembru 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 10th August 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

HSBC Bank Malta plc (C3177) of 116, Archbishop Street, Valletta VLT 05, filed a Claim on the 4th May 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Christopher Micallef (ID388272M) of Highrise Apartments, Flat 4, Triq l-Imgiebaħ, St Paul's Bay and Charmaine Micallef Mattocks (ID352274M) of Highrise Apartments, Flat 4, Triq l-Imgiebaħ, St Paul's Bay, to pay the plaintiff company the sum of three hundred and eighty five Maltese liri and ninty three cents Lm385.93 (€898.98) besides forty two Maltese liri and eighty cents Lm42.80 (€99.70) interest and further interest till the date of effective payment which amount is due to the plaintiff company as indicated in the Notice.

With costs.

The case (Claim Number 419/07ISB) is put off on the 26th November 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 13th November 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1636

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-2 ta' Ottubru 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mediacoop Ltd (Coop No 49) ta' 87, St Ursola Street, Valletta, ippreżentaw Talba fit-30 ta' Novembru 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Lawrence Mifsud (ID414071M) ta' Evergreen Flat 2, Triq Ħadd in-Nies, Żabbar, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u tmintax-il lira Maltija Lm118 (€274.87) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (1049/06VGD) hija differita għall-11 ta' Diċembru 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 13 ta' Novembru 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 2nd October 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mediacoop Ltd (Coop No 49) of 87, St Ursola Street, Valletta, filed a Claim on the 30th November 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Lawrence Mifsud (ID414071M) of Evergreen Flat 2, Triq Ħadd in-Nies, Żabbar, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and eighteen Maltese liri Lm118 (€274.87) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1049/06VGD) is put off on the 11th December 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 13th November 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1637

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Ottubru 2007 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali tal-Qorti, Valletta, ppreżenta rikors fl-1 ta' Frar 2007 fejn talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Neville Attard (ID 1274M) ta'65, Sliema Road, Gżira sabiex:

1. Issib lill-intimat ħati ta' disprezz għall-Awtorità tagħha a tenur ta' l-Artikolu 1003A u 997 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

2. Tikkundanna lill-istess intimat għall-pieni preskritti mill-Liġi fl-istess artikoli fuq imsemmija;

3. Tordna lill-konvenut sabiex jagħmel dak kollu neċessarju sabiex jirrimedja għan-nuqqas tiegħu, meta kien maħtur bħala konsenjatarju ai termini tal-Liġi.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-istess konvenut illi huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhirx huwa jista' jiġi mġiegħel jwieġeb għall-akkużi miġjuba kontrih bil-mezz tal-mandat ta' skorta jew arrest.

Ir-rikors (Avviż Nru. 40/07JAB) huwa differit għat-23 ta' Jannar 2008 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 13 ta' Novembru 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 17th October 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

The Director, Civil Courts and Tribunals as Registrar of the Civil Courts and Tribunals of Law Courts, Valletta, filed a Claim on the 1st February 2007, whereby they asked the Court to condemn Neville Attard (ID 1274M) of 65, Sliema Road, Gżira so that:

1. To find the respondent guilty of contempt towards its Authority in terms of Article 1003A and 997 of the Code of Organisation and Civil Procedure;

2. Condems the same respondent to the penalties prescribed by Law in the same articles above mentioned;

3. Orders the respondent to make all that is necessary to remedy for his default, when he was appointed consegnatary in terms of Law.

With all costs against the same respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made and who is now warned that if he doesn't appear he can be made to reply to the charges brought against him by means of the warrant of escort or arrest.

The application (Notice Number 40/07JAB) is put off to the 23rd January 2008 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 13th November 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1638

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fil-31 ta' Ottubru 2007, fuq rikors ta' GRECH SAVIOUR ET ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 18 ta' Frar, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f'Bibiana House, Bernard Garage, Triq il-Ħsad, Siġġiewi ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand CUTAJAR ANTHONY ET.

Vettura tal-marka 'Fiat' bin-numru tar-reġistrazzjoni MUM 166.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 13 ta' Novembru, 2007.

MICHAEL PORTELLI
Għar-Reġistratur tal-Qrati

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 31st October, 2007 on the application of GRECH SAVIOUR ET, Monday, 18th February, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at Bibiana House, Bernard Garage, Triq il-Ħsad, Siġġiewi of the following items seized from the property of CUTAJAR ANTHONY ET.

Vehicle brand 'Fiat' with registration number MUM 166.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 13th November, 2007.

MICHAEL PORTELLI
For the Registrar of Courts

1639

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Novembru 2007, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 2499/99GCD, fl-ismijiet Carmelo Abdilla et vs Frances Gloria Crockford, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-appellati, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 2499/1999 GCD, fl-ismijiet Carmelo Abdilla u martu Michelina Abdilla; u b'digriet tas-6 ta' Ġunju 2005, il-kawża tkompliet fil-persuna ta' Gaetano Abdilla, Emanuel Abdilla, Joseph Abdilla u Carmel sive Charles Aqulina minflok l-attur Carmelo Abdilla li miet waqt li kienet miexja l-kawża versus Frances Gloria Crockford, Maria Antoinette sive Tanya Crockford, Maria Carmela Crockford, Maria Dolores sive Doreen Crockford illum miżżewġa Cassar u Cecilia Borg ulied Melita u Francis Crockford; u Francis Crockford, fit-2 ta' Jannar 2007, ir-rikorrenti esponew bir-rispett;

Illi b'ċitazzjoni ppreżentata fl-ismijiet 'Carmelo Abdilla u martu Michelina Abdilla versus Frances Gloria Crockford, Maria Antoinette sive Tanya Crockford, Maria Carmela Crockford, Maria Dolores sive Doreen Crockford u Cecilia Borg ulied Melita u Francis Crockford, u Francis Crockford (Ċitazz. Nru. 2499/1999) l-atturi Carmelo u Michelina miżżewġin Abdilla wara li ppremettew;

Illi Melita Crockford mietet fis-27 ta' Frar 1997, … omissis…

Illi bi skrittura ta' Ottubru 1990 (kopja hawn annessa markata Dok. A) l-istess Melita Crockford kienet ikkostitwiet ruħha vera, ċerta u likwida debitriċi ta' l-attur fis-somma ta' tnax-il elf u seba' mitt lira Maltin Lm12,700 (€29,583.04) b'titolu ta' self u obbligat ruħha li tħallas l-istess somma bl-imgħax tat-8% dekorribbli mill-15 ta' Ottubru, 1990 f'pagamenti mensili ta' Lm300 (€698.81) bl-ewwel pagament jitħallas fl-31 ta' Jannar 1991;

Illi l-imsemmija Melita Crockford ma ħallset xejn mill-imsemmi debitu;

Illi għalhekk il-konvenuti issa huma debituri ta' l-atturi fis-somma ta' tnax-il elf u seba' mitt Lira Maltin Lm12,700 (€29,583.04) ...omissis…

Illi l-konvenuti għalkemm interpellati diversi drabi biex iħallsu, xorta waħda ma ħallsux l-ammont dovut;

Talbu lill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili sabiex din;

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 8th November 2007, in the records of the Writ of Summons number 2499/99GCD, in the names Carmelo Abdilla et vs Frances Gloria Crockford, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application, filed in the Court of Appeal in the records of the Writ of Summons number 2499/1999 GCD, in the names Carmelo Abdilla and his wife Michelina Abdilla; and by decree of the 6th June 2005, the cause was continued in the person of Gaetano Abdilla, Emanuel Abdilla, Joseph Abdilla and Carmel sive Charles Aquilina instead of the plaintiff Carmelo Abdilla,who died during the proceedings of the cause against Frances Gloria Crockford, Maria Antoinette sive Tanya Crockford, Maria Carmela Crockford, Maria Dolores sive Doreen Crockford today married Cassar and Cecilia Borg children of Melita and Francis Crockford; and Francis Crockford, on the 2nd January 2007, the applicants pleaded with respect;

That by a writ of summons filed in the names 'Carmelo Abdilla and his wife Michelina Abdilla versus Frances Gloria Crockford, Maria Antoinette sive Tanya Crockford, Maria Carmela Crockford, Maria Dolores sive Doreen Crockford and Cecilia Borg children of Melita and Francis Crockford and Francis Crockford (Writ of Summons Number 2499/1999) the plaintiffs Carmelo and Michelina spouses Abdilla after they premised;

That Melita Crockford died on the 27th February 1997, …omissis…

That by a writing of October 1990 (a copy hereby annexed marked Doc. A) the same Melita Crockford constituted herself, a true certain and liquid debtor of the plaintiff in the sum of twelve thousand and seven hundred Maltese Liri Lm12,700 (€29,583.04) by title of loan and bound herself to pay the same sum with interest at 8% to run from the 15th October 1990, at monthly payments of Lm300 (€698.81) with the first payment to be paid on the 31st January 1991;

That the said Melita Crockford has paid nothing of the said debt;

That thus the defendants are now debtors of the plaintiffs in the sum of twelve thousand and seven hundred Maltese Liri Lm12,700 (€29,583.04)…omissis…

That the defendants although duly called various times to pay, still did not pay the amount due;

Asked the Honourable First Hall Civil Court so that;

1. Tiddikjara, jekk hemm bżonn, illi l-imsemmi ammont ta' Lm12,700 (€29,583.04) huwa dovut lill-atturi bl-imgħax mill-15 ta' Ottubru 1990;

2. Tikkundanna lil-konvenuti iħallsu lill-atturi s-somma ta' Lm12,700 (€29,583.04) rappreżentanti rifuzjoni ta' self mogħti mill-atturi lil Melita Crockford, bl-interessi pattwiti tat-8% dekorribbli mill-15 ta' Ottubru 1990, …omissis…

Illi l-konvenuti eċċepew illi (a) l-azzjoni hija preskritta taħt l-artiklu 2156 (e) tal-Kodiċi Ċivili u (b) it-talbiet tal-atturi huma privi minn kull fundament ġuridiku u fattwali'.

Illi b'att notarili pubblikat minn Nutar Dottor Carmelo Mangion fl-1 ta' Ottubru 2003, kopja eżibita bħala Dok CA5) l-eredi kollha kif ukoll l-armla ta' Carmelo Abdilla u cioè Michelina Abdilla għamlu diviżjoni tal-beni kollha tal-wirt. Kontestwalment b'att notarili ieħor fl-atti tal-istess Nutar Dott. Carmelo Mangion (kopja eżibita bħala Dok CA6) ...omissis… lir-rikorrenti ġie assenjat il-kreditu meritu ta' din il-kawża, ...omissis…

Illi b'sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2006, il-kawża fl-ismijiet premessi l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili ddeċiedet illi billi ma ngiebet ebda prova ta' ksur tal-preskrizzjoni fiż-żmien rilevanti laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2156 (e) tal-Kodiċi Ċivili …omissis….

Illi l-esponenti ħassew ruħhom aggravati bl-imsemmija sentenza …omissis…

L-aggravji ta' l-appellanti huma s-segwenti:

Fl-ewwel lok u preliminarjament, l-esponenti jirrilevaw illi hemm żball fl-okkju tas-sentenza billi wieħed mill-atturi jismu Carmel sive Charles Abdilla u mhux kif riportat fis-sentenza 'Carmel sive Charles Aquilina'…omissis...

Fit-tieni lok, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma daħlitx fil-kwistjoni li l-eċċezzjonijiet mogħtija mill-konvenuti huma inkonċiljabbli u inkompatibbli …omissis…

Fit-tieni lok l-esponenti jissottomettu illi l-awtriċi tal-konvenuti, u cioè Melita Crockford kienet irrinunzjat għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mal-attur Carmelo Abdilla. Ix-xhieda ta' Carmelo Abdilla tinstab fid-dikjarazzjoni tal-fatti minnu maħlufa quddiem ir-Reġistratur tal-Qorti, … omissis…

Fost il-fatti minnu dikjarati bil-ġurament huwa wara li spjega x'inhu d-debitu dovut mill-konvenuti stqarr fil-paragrafu numru 5 'illi l-imsemmi debitu ġie diversi drabi

1. It declares if necessary, that the said amount of Lm12,700 (€29,583.04) is due to the plaintiffs with interest from the 15th October 1990;

2. Condemn the defendants to pay the plaintiffs the sum of Lm12,700 (€29,583.04) representing refund of loan given by the plaintiffs to Melita Crockford, with agreed interest at 8% to run from the 15th October 1990, …omissis…

That the defendants pleaded that (a) the action is prescribed under article 2156 (e) of the Civil Code and (b) the plaintiff's demands 'lack any juridical and factual basis'.

That by a notarial act published by Notary Dr. Carmelo Mangion on the 1st October 2003, copy exhibited as Doc. CA5) all the heirs of the widow of Carmelo Abdilla and that is Michelina Abdilla,partitioned all the assets of the inheritance. At the same time by means of another notarial act in the records of the same Notary Dr. Carmelo Mangion (copy exhibited as Doc. CA6) ...omissis… the applicant was assigned the credit merit of this application …omissis…

That by a judgement given on the 12th December 2006, the cause in the names premised the Honourable First Hall Civil Court decided that as no proof of the violation of prescription at the relevant time was brought it upheld the plea of prescription under article 2156 (e) of the Civil Code …omissis…

That the applicants felt aggrieved by the said judgement …omissis...

The grievances of the appellants are the following:

In the first place and preliminary, the applicants, point out that there is a mistake in the heading of the judgement as one of the plaintiffs is named Carmel sive Charles Abdilla and not as brought in the judgement 'Carmel sive Charles Aquilina' …omissis…

In the second place, the Honourable First Hall Civil Court did not delve into the question that the pleas given by the defendants are irreconciliable and incompatible … omissis…

In the second place, the applicants submit that the predecessor of the defendants and that is Melita Crockford, had renounced the plea of prescription with the plaintiff Carmelo Abdilla. The evidence of Carmelo Abdilla is to be found in the declaration of facts sworn before the Registrar of Courts …omissis…..

Amongst the facts declared under oath after having explained what is the debt due by the defendants he declared number 5 'that the said debt was acknowledged on various

rikonoxxut, anki reċentement (l-aħħar darba kien ftit ġimgħat qabel ma mietet) mill-mejta Melita Crockford. ...omissis… Hija f'okkazjonijiet diversi qalet ukoll lill-attur li kienet lesta li tagħmel tajjeb …omissis... iżda qatt ma waslet. Dan jikkostitwixxi prova ta' rinunzja ċara u inekwivokabbli tal-preskrizzjoni da parti ta' Melita Crockford. …omissis... Għalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti meta fis-sentenza tgħid illi 'zgur ma nġiebet ebda prova ta' għarfien minn Melita Crockford' ma kenitx korretta …omissis…

L-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza tgħid ukoll illi 'ix-xhieda li hemm, u li dwarha ma hemmx kontestazzjoni, hija illi wara mewt Melita, l-attur Carmelo Abdilla ċempel lil xi waħda minn uliedha din weġbitu illi, jekk ommha kellha xi dejn, uliedha kienu jonorawh'. L-Ewwel Onorabbli Qorti kompliet qalet illi din l-istqarrija mhiex għarfien tad-dejn għall-fini ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni …omissis…

Fl-ewwel lok Carmelo Abdillas qatt ma xehed fis-sens li qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti …omissis…

Fit-tieni lok iben l-attur u cioè Gaetano Abdilla (illum attur wara l-mewt ta' missieru Carmelo) li xehed dwar konversazzjonijiet li kellu mal-konvenuti …omissis…

Fit-tieni seduta Gaetano Abdilla reġa' xehed 'kienu qaluli li dawk li ħalliet il-mummy ħa nonorawh kollu....omissis…'

Jiġi sottomess illi tali xhieda hija ċara biżżejjed li turi li hawn non si tratta ta' xi ipotesi ta' debitu iżda ta' għarfien ta' debitu …omissis…

Inoltrè anke jekk għall-grazzja tal-argument tiġi aċċettata l-interpretazzjoni li l-Ewwel Onorabbli Qorti tat lil din ix-xhieda ta' Gaetano Abdilla hemm żewġ konsiderazzjonijiet li għandhom isiru.

Waħda hija illi Melita Crockford kienet personalment irrinunzjat għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kif fuq imsemmi.

L-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza stqarret testwalment illi l-istqarrija ta' waħda minn uliedha (ta' Melita Crockford) kienet illi 'jekk ommha kellha xi dejn, uliedha kienu jonorawh. Din iżda ma hijiex għarfien tad-dejn …omissis… Jiġi sottomess illi anke jekk wieħed jaccetta illi bint Melita Crockford kienet stqarret illi 'jekk ommha kellha xi dejn, uliedha kienu jonorawh', dan fih innifsu jammonta għal rinunzja tal-preskrizzjoni …omissis…

Issa f'dan il-każ il-prova tal-kreditu ta' l-atturi ġie ukoll ampjament ippruvat …omissis...

times, even recently (the last time was a few weeks before he died) by the deceased Melita Crockford …omissis… She told the plaintiff on various occasions that she was ready to honour the debt …omissis.. but never did. This constitutes proof of a clear and unequivocal renunciation of prescription, on the part of Melita Crockford. …omissis… Thus the Honourable First Hall Civil Court when it stated in the judgement that certainly no proof of acknowledgement by Melita Crockford was brought 'was not correct …omissis...

The Honourable Court of First Instance, in the judgement also states that 'the evidence there is, and regarding which there is no evidence, is that after the death of Melita, the plaintiff Carmelo Abdilla phoned some of her children and the latter replied, that if her mother had any debt, her children would honour it'. The Honourable Court continued to state that this declaration is not acknowledgement of the debt for the purpose of prescription…omissis….

In the first place Carmelo Abdilla, never testified in the sense stated by the Honourable Court of First Instance … omissis…

In the second place, the son of the plaintiff and that is Gaetano Abdilla (today plaintiff after the death of his father Carmelo) who testified regarding the conversations he had with the defendants …omissis…

In the second sitting, Gaetano Abdilla testified again 'they had told me that we shall honour all that mummy left …omissis…'

It is submitted that the said evidence is clear enough to show that here it is not the case of the existence of any debt, but the acknowledgement of debt …omissis...

Furthermore even if for the sake of argument, the interpretation given by the Honourable First Court of this evidence of Gaetano Abdilla, is accepted there are two considerations which are to be made.

One is that Melita Crockford had personally renounced the plea of prescription as above mentioned.

The Honourable Court of First Instance, declared textually that the declaration of one of her children (of Melita Crockford) was that 'if her mother had any debt, her children would honour it. This however is not acknowledgement of the debt …omissis... It is submitted that even if one accepts that the daughter of Melita Crockford had declared 'that if her mother had any debt, her children would honour it' this in itself amounts to a renunciation of prescription …omissis…

Now in this case the proof of the credit of the plaintiffs was amply proved …omissis…

Għalhekk l-esponenti jissottomettu illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuta ma tistax tiġi milqugħa ...omissis…

